MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 377/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Sandro Schembri Adami**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Sandro (Alexander George) Schembri Adami** ta' 41 sena bin Franz u Yvonne *nee'* Brincat, imwieled Attard fil-25 t'Awissu 1963, detentur tal-karta tal-identita nurmu 488863M;

Talli f'April 2005, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, approfittajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew

ghal persuna ohra, s-somma ta' Lm3,150.00 ghad-dannu ta' Raymond Cachia, Mary Grace Cachia u tal-Gvern ta' Malta, liema somma giet fdata jew ikkunsinata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek.

Talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal jew impjegat pubbliku dolozament bi ksur tad-drittijiet tieghek ghamilt jew nqast li taghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

Talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommettejt talli reati, filwaqt li kont ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sirt hati ta' reat li int kellek tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek d-dmir li timpedixxi;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tas-16 ta' Mejju 2007 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kawza kontra tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarj u dan ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 293, 294, 141 u 138 tal-Kodici Krimianli Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Stante ammissjoni, l-Qorti tqis illi l-akkuzi huma pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 293, 294 u 310(1) (a), 138 u 141 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u cioe skond id-data meta tressaq quddiem din il-Qorti. Stante li qabel il-kommissjoni ta' dan ir-rejat, l-imputat kellu fedina penali nadifa, il-Qorti qed tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor

punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------